# Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – "Deskrizzjoni ġenerali tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja"

(2010/C 355/03)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]),

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

## I. DAĦLA

1. Fl-20 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni intitolata "Deskrizzjoni ġenerali tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja" (minn hawn 'il quddiem "Komunikazzjoni") ([3]). Il-Komunikazzjoni ntbagħtet lill-KEPD għal konsultazzjoni.

2. Il-KEPD laqa' b'sodisfazzjon il-fatt li kien ikkonsultat mill-Kummissjoni. Anke qabel l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni, il-KEPD kien ingħata l-possibilità li jagħti kummenti informali. Ħafna minn dawn il-kummenti tqiesu fil-verżjoni finali tad-dokument.

### Għanijiet u skop tal-Komunikazzjoni

3. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon l-għan tal-Komunikazzjoni li huwa li tippreżenta "għall-ewwel darba, deskrizzjoni ġenerali sħiħa ta' miżuri fil-livell tal-UE, li qegħdin jiġu implimentati jew li qed jiġu kkunsidrati, li jirregolaw il-ġbir, iż-żamma u l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni personali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi jew tal-ġestjoni tal-migrazzjoni" ([4]). L-għan tad-dokument huwa wkoll li jipprovdi liċ-ċittadini ħarsa ġenerali lejn liema informazzjoni tinġabar, tinħażen u tinbidel dwarhom, għal liema għan u minn min. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, il-Komunikazzjoni għandha sservi wkoll ta' għodda ta' referenza trasparenti għal dawk il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jieħdu sehem f'dibattitu dwar id-direzzjoni ġejjiena tal-politika tal-UE f'dan il-qasam. Għaldaqstant għandha tagħti kontribut fi djalogu politiku infurmat mal-partijiet interessati kollha.

4. F'termini konkreti, il-Komunikazzjoni tgħid li għandha l-għan li tiċċara l-għan ewlieni tal-istrumenti, l-istruttura tagħhom, it-tipi ta' dejta personali li jkopru, "il-lista tal-awtoritajiet b'aċċess għal tali dejta" ([5]) u d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta u ż-żamma tad-dejta. Barra dan, l-Anness I jinkludi għadd limitat ta' eżempji li juru kif dawn l-istrumenti jaħdmu fil-prattika.

5. Barra minn hekk, id-dokument iressaq il-prinċipji wesgħin ("prinċipji sostantivi" u "prinċipji orjentati lejn il-proċess") li l-Kummissjoni biħsiebha ssegwi fl-iżvilupp ġejjieni ta' strumenti għall-ġbir, il-ħażna u l-iskambju tad-dejta. Taħt l-intestatura "Prinċipji Sostantivi", il-Kummissjoni tinkludi prinċipji bħall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, in-neċessità, is-sussidjarjetà u ġestjoni preċiża tar-riskju. Il-"prinċipji orjentati lejn il-proċess" jinkludu l-kost effettività fl-ispejjeż, politika mfassla fuq l-għeruq, allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet, u klawsoli ta' reviżjoni u tal-għeluq.

6. Skont il-Komunikazzjoni, dawn il-priniċipji se jintużaw fil-valutazzjoni tal-istrumenti eżistenti. Fil-fehma tal-Kummissjoni l-adozzjoni ta' approċċ imsejjes fuq il-prinċipji għall-iżvilupp u l-valutazzjoni tal-politika għandha ssaħħaħ il-koerenza u l-effikaċja tal-istrumenti attwali u ġejjiena b'mod li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini.

### L-Għan tal-Opinjoni tal-KEPD

7. Il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni hija dokument importanti li jagħti ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-istrumenti eżistenti u (possibilment) ġejjiena għall-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Hija tinkludi elaborazzjoni tal-Kapitoli 4.2.2 (Il-ġestjoni tal-fluss tal-informazzjoni) u 5.1 (Il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni) tal-Programm ta' Stokkolma ([6]). Hija se jkollha rwol importanti fl-iżvilupp ġejjien ta' dan il-qasam. Huwa

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

([3]) COM(2010) 385 finali

([4]) Paġna 3 tal-Komunikazzjoni.

([5]) Fir-rigward ta' dan il-paragrafu, il-KEPD jemmen li l-kliem "il-Komunikazzjoni tikkjarifika (…) il-lista tal-awtoritajiet b'aċċess għal tali data" tista' tinftiehem ħażin, minħabba li l-Komunikazzjoni la tinkludi listi bħal dawn u lanqas tikkjarifikahom. Hija tirreferi biss għall-kategoriji ewlenin tal-persuni jew l-awtoritajiet li għandhom l-aċċess għad-dejta.

([6]) Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, Dokument tal-Kunsill 5731/2010, 3.3.2010.

proprju minħabba dan il-fatt li l-KEPD iqis meħtieġ illi jikkummenta dwar id-diversi elementi tal-Komunikazzjoni, minkejja l-fatt li t-test innifsu tal-Komunikazzjoni mhuwiex se jinbidel.

8. Il-KEPD biħsiebu jipprovdi xi ftit kunċetti addizzjonali li fil-fehma tiegħu għandhom jitqiesu fl-iżvilupp ġejjien fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Din l-opinjoni tispeċifika għadd ta' kunċetti li ngħataw iktar qabel fl-Opinjoni tal-KEPD tal-10 ta' Lulju 2009 dwar il-Komunikazzjoni dwar qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja li jaqdi liċ-ċittadin ([7]), u f'għadd ta' opinjonijiet u kummenti oħrajn. Hija telabora wkoll fuq il-fehmiet ippreżentati f'okkażjonijiet iktar bikrija. F'dan il-kuntest, għandha ssir referenza wkoll għar-Rapport dwar il-Futur tal-Privatezza, adottat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29 u mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja fl-1 ta' Diċembru 2009. Dan ir-rapport, li jikkostittwixxi kontribut konġunt għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-qafas legali għad-drittijiet fundamentali fil-protezzjoni tad-dejta personali, u li għandu l-appoġġ tal-KEPD, ta direzzjonijiet importanti għall-ġejjieni tal-protezzjoni tad-dejta, li huma applikabbli wkoll għall-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura fi kwistjonijiet kriminali.

## Kuntest tal-Opinjoni

9. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni bħala tweġiba għas-sejħa mill-Kunsill Ewropew ([8]) biex ikunu żviluppati strumenti ta' ġestjoni ta' informazzjoni fuq il-livell tal-UE bi qbil mal-Istrateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni, u għal riflessjoni dwar Mudell Ewropew ta' Skambju tal-Informazzjoni.

10. Barra minn hekk, il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni għandha tinqara bħala rispons għall-Programm ta' Stokkolma msemmi iktar qabel, li jitlob li jkun hemm koerenza u konsolidazzjoni fl-iżvilupp tal-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam tas-sigurtà interna tal-UE. B'mod iktar preċiż, il-Kapitolu 4.2.2 tal-Programm ta' Stokkolma jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta l-ħtieġa tal-istrumenti attwali, inkluż il-qafas Prüm u l-hekk imsejħa Deċiżjoni Qafas Svediża. Dawn il-valutazzjonijiet għandhom jgħinu biex isir magħruf jekk l-istrumenti jiffunzjonawx kif kien maħsub u jekk jilħqux l-għanijiet tal-Istrateġija għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni.

11. F'dan l-isfond, jenħtieġ issir enfasi fuq il-fatt li l-Programm ta' Stokkolma jirreferi għal reġim qawwi ta' protezzjoni tad-dejta bħala l-prerekwiżit ewlieni tal-Istrateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni. Din l-enfasi qawwija fuq il-protezzjoni tad-dejta hija konformi bis-sħiħ mat-Trattat ta' Lisbona li, kif imsemmi qabel, jinkludi dispożizzjoni ġenerali dwar il-protezzjoni tad-dejta li tagħti lil kulħadd – anke lil ċittadini ta' pajjiżi terzi – id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta infurzabbli quddiem imħallef, u jobbliga lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew jistabbilixxu qafas komprensiv għall-protezzjoni tad-dejta.

12. Il-KEPD jappoġġa wkoll ir-rekwiżit tal-Istrateġija għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni li l-miżuri leġiżlattivi kollha li jiffaċilitaw il-ħażna u l-iskambju ta' dejta personali għandhom ikunu proposti biss jekk ikunu bbażati fuq evidenza konkreta tal-ħtieġa tagħhom. Il-KEPD iddefenda dan l-approċċ f'diversi opinjonijiet li ta dwar proposti leġiżlattivi marbuta mal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, eż. dwar is-SIS tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) ([9]), dwar aċċess infurzat tal-liġi għall-EURODAC ([10]), dwar ir-reviżjoni tal-EURODAC u r-Regolamenti ta' Dublin ([11]), dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Stokkolma ([12]) u dwar il-PNR ([13]).

13. Tabilħaqq, il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tal-istrumenti eżistenti kollha għall-iskambju tal-informazzjoni qabel ma jiġu proposti oħrajn ġodda hija ta' importanza essenzjali. Dan huwa iktar importanti meta nqisu l-fatt li l-qafas attwali huwa magħmul minn ġabra ta' strumenti u sistemi differenti li ftit minnhom ġew implimentati biss dan l-aħħar u allura l-effikaċja tagħhom ma tistax tiġi vvalutata għalissa, ftit oħra għadhom fil-proċess tal-implimentazzjoni u ftit ġodda għadhom fil-fażi leġiżlattiva.

14. Huwa għalhekk li l-KEPD jinnota b'sodisfazzjon li l-Komunikazzjoni tagħmel rabta ċara ma' eżerċizzji oħrajn li nediet il-Kummissjoni biex tagħmel rendikont u valutazzjoni ta' dan il-qasam ħalli tkompli ssegwi il-Programm ta' Stokkolma.

([7]) Opinjoni tal-10 ta' Lulju 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li jservi liċ-ċittadin.

([8]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għas-sigurtà interna tal-UE, Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni, 30.11.2009.

([9]) Opinjoni tad-19 ta' Ottubru 2005 dwar tliet Proposti rigward is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II).

([10]) Opinjoni tas-7 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposti dwar l-aċċess tal-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi għall-EURODAC.

([11]) Opinjoni tat-18 ta' Frar 2009 dwar il-Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru […/…](li jistabbilixxi l-kriterja u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida) u l-Opinjoni tat-18 ta' Frar 2009 dwar il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida.

([12]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 6.

([13]) Opinjoni tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-abbozz ta' Proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-użu tad-dejta tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għal għanijiet ta' infurzar tal-liġi.

15. F'dan il-kuntest il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon b'mod partikolari eżerċizzju ta' "mmappjar ta' informazzjoni" li bdiet il-Kummissjoni f'Jannar 2010 b'koperazzjoni mill-qrib ma' Tim ta' Proġett ta' Mmappjar tal-Informazzjoni magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE u tal-EFTA, il-Europol, il-Eurojust, il-Frontex u l-KEPD ([14]). Kif imsemmi fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta komunikazzjoni dwar il-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni.

16. Fil-fehma tal-KEPD il-fatt li saret rabta ċara bejn il-Komunikazzjoni u l-eżerċizzju ta' "mmappjar ta" informazzjoni' huwa tabilħaqq milqugħ b'ferħa peress li bejn dawn it-tnejn hemm relazzjoni ċara. Ovvjament, għadu kmieni wisq biex nivvalutaw ir-riżultat ta' dawn l-eċerċizzji, u b'mod iktar ġenerali, ir-riżultat tad-diskussjonijiet dwar il-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni (s'issa l-"eżerċizzju ta' mmappjar" ġie ppreżentat mill-Kummissjoni bħala "eżerċizzju ta' rendikont" biss). Il-KEPD se jkompli jsegwi din il-ħidma. Barra dan, f'dan l-istadju, huwa jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jiġu pprovduti sinerġiji u li jkunu evitati konklużjonijiet diverġenti fl-eżerċizzji kollha magħmula mill-Kummissjoni fil-kuntest tad-diskussjonijiet dwar il-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni.

17. Barra minn hekk, il-KEPD jixtieq jirreferi għar-reviżjoni li għaddejja bħalissa tal-qafas għall-protezzjoni tad-dejta, u b'mod iktar partikolari għall-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħroġ b'qafas komprensiv għall-protezzjoni tad-dejta, li jkun jinkludi wkoll koperazzjoni mill-pulizija u mill-ġudikatura fi kwistjonijiet kriminali.

18. Fir-rigward ta' dan, il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni tirreferi – taħt l-intestatura "Salvagwardjar tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta" – għall-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jipprovdi bażi legali għall-ħidma fuq skema komprensiva bħal din għall-protezzjoni tad-dejta. F'dan il-kuntest huwa jinnota wkoll li l-Komunikazzjoni tistqarr li hija mhijiex tanalizza dispożizzjonijiet speċifiċi għall-protezzjoni tad-dejta tal-istrumenti li qed jiġu diskussi peress li abbażi tal-Artikolu 16 imsemmi iktar 'il fuq, il-Kummissjoni fil-mument qiegħda taħdem fuq qafas komprensiv ġdid għall-protezzjoni tad-dejta personali fl-UE. Huwa jittama li f'dak il-kuntest tingħata ħarsa ġenerali tajba lejn l-iskemi eżistenti u possibbilment diverġenti għall-protezzjoni tad-dejta u li 'l quddiem il-Kummissjoni tibbaża t-teħid tad-deċiżjonijiet ġejjiena tagħha fuq din il-ħarsa ġenerali.

19. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, minkejja li l-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon l-għanijiet u l-kontenut prinċipali tal-Komunikazzjoni, huwa jiġbed ukoll l-attenzjoni dwar il-fatt li dan id-dokument irid jitqies biss bħala l-ewwel pass fil-proċess tal-valutazzjoni, u li għandu jkun segwit b'miżuri iktar konkreti li għandhom jipproduċu politika komprensiva, integrata u strutturata tajjeb dwar l-iskambju u l-ġestjoni tal-informazzjoni.

## II. ANALIŻI TAL-KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI KOPERTI MILL-KOMUNIKAZZJONI

### Limitazzjoni tal-iskop

20. Fit-test tal-Komunikazzjoni l-Kummissjoni tirreferi għall-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop bħala "kunsiderazzjoni ewlenija għall-parti l-kbira tal-istrumenti koperti f'din il-komunikazzjoni".

21. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi li tagħmel il-Komunikazzjoni fuq il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop illi jesiġi li l-għanijiet li jiġġustifikaw il-ġbir tad-dejta personali għandhom ikunu speċifikati b'mod ċar u mhux iktar tard minn żmien il-ġbir, u li d-dejta ma għandhiex tkun ipproċessata għal għanijiet li jkunu inkompatibbli ma' dawk l-għanijiet inizjali. Kwalunkwe devjazzjoni mill-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop għandha tkun eċċezzjoni u għandha tkun implimentata biss b'kundizzjonijiet stretti u bil-protezzjoni kollha meħtieġa, legali, teknika jew protezzjoni oħra.

22. Madankollu l-KEPD jinnota b'dispjaċir li l-Komunikazzjoni tiddeskrivi dan il-prinċipju fundamentali tal-protezzjoni tad-dejta bħala kunsiderazzjoni ewlenija biss "għall-parti l-kbira tal-istrumenti koperti f'din il-komunikazzjoni". Barra minn hekk, f'paġna 22, il-Komunikazzjoni tirreferi għas-SIS, is-SIS II u l-VIS u tgħid li "bl-eċċezzjoni ta' dawn is-sistemi ta' informazzjoni, il-limitazzjoni tal-iskop tidher li hija fattur ewlieni fit-tfassil tal-miżuri tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-livell tal-UE".

23. Il-kliem ta' dan it-test jista' jagħti x'jifhem li qiegħed jissuġġerixxi li dan il-prinċipju ma kienx kunsiderazzjoni ewlenija fil-każi kollha u għas-sistemi u l-istrumenti kollha relatati mal-iskambju tal-informazzjoni fl-UE. Fir-rigward ta' dan il-KEPD jinnota li eċċezzjonijiet u restrizzjonijiet għal dan il-prinċipju huma possibbli u jistgħu wkoll ikunu meħtieġa, kif jirrikonoxxu l-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 3.2 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI ([15]). Madankollu huwa obbligatorju li jkun żgurat illi kull strument ġdid relatat mal-iskambju tal-informazzjoni fl-UE jkun propost u adottat biss kemm-il darba l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop ikun tqies b'mod xieraq, u li kwalunkwe eċċezzjoni u restrizzjoni possibbli għal dan il-prinċipju tittieħed deċiżjoni fuqha fuq il-bażi ta' każ b'każ u wara li tkun saret valutazzjoni serja. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma relevanti wkoll għas-SIS, is-SIS II u l-VIS.

([14]) L-għan funzjonali tal-eżerċizzju jikkorrispondi mal-għan tad-Deċiżjoni Qafas Svediża (Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI), jiġifieri l-iskambju ta' informazzjoni għal investigazzjoni kriminali u operazzjonijiet tal-intelliġenza kriminali.

([15]) "Aktar ipproċessar għal fini ieħor għandu jkun permess biss jekk: (a) ma jkunx inkompatibbli mal-finijiet li għalih tkun inġabret id-data; (b) l-awtoritajiet kompetenti huma awtorizzati jipproċessaw tali data għal tali fini ieħor skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli; u (c) l-ipproċessar huwa meħtieġ u proporzjonat għal dak il-fini l-ieħor".

24. Kwalunkwe prattika oħra tmur kontra l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, kontra l-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta (eż. d-Direttiva 95/46/KE, Regolament (KE) Nru 45/2001 jew id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI) kif ukoll kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Dritijiet tal-Bniedem. Nuqqas ta' rispett lejn il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop jista' jikkaġuna żvijar fl-użu (function creep) ta' dawn is-sistemi ([16]).

## Neċessità u proporzjonalità

25. Il-Komunikazzjoni (f'paġna 25) tirreferi għar-rekwiżiti mressqa fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem marbuta mat-"test tal-proporzjonalità" u tiddikjara li "f'kull proposta ta' politika fil-futur, il-Kummissjoni se tevalwa l-impatt mistenni tal-inizjattiva fuq id-dritt tal-individwu għall-privatezza u l-ħarsien tad-dejta personali u se turi 'l għala tali impatt huwa meħtieġ u 'l għala s-soluzzjoni hija proporzjonata għall-għan leġittimu li tinżamm sigurtà interna fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-prevenzjoni tal-kriminalità jew il-ġestjoni tal-migrazzjoni".

26. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon l-istqarrijiet imsemmija hawn fuq minħabba li huwa kien qed jinsisti fuq il-fatt li r-rispett tal-proporzjonalità u n-neċessità għandhom ikunu predominanti fit-teħid ta' kwalunkwe deċiżjoni fuq sistemi eżistenti u ġodda li jinvolvu l-ġbir u l-iskambju ta' dejta personali. B'ħarsa prospettiva, dan huwa essenzjali wkoll għar-riflessjoni li qiegħda ssir bħalissa dwar kif għandha tkun l-Istrateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni u kif għandu jkun il-Mudell Ewropew għall-Iskambju tal-Informazzjoni.

27. F'dan l-isfond il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li b'mod differenti mill-kliem tat-test użat mill-Kummissjoni meta tirreferi għall-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop (ara par. 20-22 ta' din l-Opinjoni), fir-rigward tan-neċessità, l-Kummissjoni timpenja ruħha li tivvaluta l-proposti politiċi ġejjiena kollha sa fejn dawn ikollhom x'jaqsmu mal-impatti fuq id-drittijiet tal-individwi għall-privatezza u għad-dejta personali.

28. Madankollu l-KEPD jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li r-rekwiżiti kollha li jirrigwardaw il-proporzjonalità u n-neċessità ġejjin mil-liġi eżistenti tal-UE (b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li issa hija parti mil-liġi primarja tal-UE) u l-ġurisprudenza stabbilita b'mod tajjeb tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fi kliem ieħor, il-Komunikazzjoni ma tintroduċi l-ebda element ġdid. Minflok, fil-fehma tal-KEPD, il-Komunikazzjoni m'għandhiex biss sempliċement tirrepeti dawn ir-rekwiżiti, iżda għandha tipprovdi wkoll għal miżuri u mekkaniżmi konkreti li jassiguraw li kemm in-neċessità u kemm il-proporzjonalità jiġu rrispettati u implimentati fil-prattika fil-proposti kollha li jkollhom impatt fuq id-drittijiet tal-individwi. Il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-privatezza, li hija diskussa f'par. 38-41, għandha tkun strument tajjeb biex jintlaħaq dan il-għan. Barra minn hekk, din il-valutazzjoni m'għandhiex tkopri biss il-proposti l-ġodda iżda għandha tkopri wkoll is-sistemi u l-mekkaniżmi eżistenti.

29. Barra dan il-KEPD jieħu din l-opportunità wkoll biex jenfasizza li meta nikkunsidraw il-proporzjonalità u n-neċessità fl-Istrateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni, għandna ninsistu fuq il-ħtieġa li jkun hemm bilanċ tajjeb bejn il-protezzjoni tad-dejta fuq naħa u l-infurzar tal-liġi fuq l-oħra. Dan il-bilanċ ma jfissirx li l-protezzjoni tad-dejta se xxekkel l-użu ta' informazzjoni li tkun meħtieġa biex jissolva delitt. L-informazzjoni kollha meħtieġa għal għan bħal dan tista' tintuża b'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta ([17]).

## Valutazzjoni oġġettiva u komprensiva għandha turi wkoll in-nuqqasijiet u d-dgħufijiet

30. Il-Programm ta' Stokkolma jitlob li ssir valutazzjoni oġġettiva u komprensiva tal-istrumenti u tas-sistemi kollha li jittrattaw l-iskambju tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Il-KEPD, m'hemmx xi ngħidu, jappoġġa bis-sħiħ dan l-approċċ.

31. Madankollu l-Komunikazzjoni sa issa ma tidhirx li hija bbilanċjata bis-sħiħ. Tidher li tagħti prijorità, għall-anqas fir-rigward taċ-ċifri u l-istatistiċi, lil dawk l-istrumenti li taw prova li kienu suċċess matul is-snin u li qed "stejjer ta' suċċess" (eż. l-għadd ta' *hits* ta' suċċess fis-SIS u fl-EURODAC). Il-KEPD ma jiddubitax mis-suċċess ġenerali ta' dawn is-sistemi. Madankollu, bħala eżempju, huwa jsemmi li r-rapporti tal-attività tal-Korp ta' Sorveljanza Konġunta (JSA) għas-SIS ([18]) juru li, f'għadd mhux żgħir ta' każi, it-twissijiet fis-SIS kienu skaduti, kellhom żbalji fil-kitba jew kienu ħżiena, u dan wassal (jew seta' jwassal) ikkawża konsegwenzi negattivi lill-individwi involuti. Fil-Komunikazzjoni din l-informazzjoni ma tissemmiex.

32. Il-KEPD jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid l-approċċ illi ttieħed fil-Komunikazzjoni. Il-KEPD jissuġerixxi li fil-ħidma ġejjiena dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni jiġu rrapportati wkoll in-nuqqasijiet u d-dgħufijiet – bħal, pereżempju, l-għadd ta' persuni li ġew arrestati bi żball jew li ġarrbu xi inkonvenzja minħabba *hit* falza fis-sistema – sabiex ikun assigurat li jkun hemm bilanċ ġust.

33. Pereżempju, il-KEPD jissuġġerixxi li d-dejta rigward *hits* fuq is-SIS/SIRENE (Anness 1) tkun ikkumplimentata b'referenza għall-ħidma li saret mill-JSA dwar l-affidabilità u l-preċiżjoni tat-twissijiet.

([16]) Ara b'mod partikolari l-Opinjoni tal-KEPD dwar il-proposti dwar l-aċċess tal-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi għall-EURODAC li tirreferi għalih in-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

([17]) Ara, pereżempju, l-Opinjoni tal-KEPD dwar il-PNR Ewropew, iċċitata f'nota ta' qiegħ il-paġna 13.

([18]) Ara s-7 u t-8 Rapport tal-Attivitajiet dwar is-SIS JSA disponibbli fuq http://www.schengen-jsa.dataprotection.org/ b'mod partikolari l-kapitoli fuq l-Artikoli 96 u 99 tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

### Responsabbiltà

34. Fost il-"prinċipji orjentati lejn il-proċess" telenka l-lista tal-paġni 26-27, il-Komunikazzjoni tirreferi għall-prinċipju ta' "allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet", b'mod partikolari fir-rigward tat-tfassil inizjali tal-istrutturi governattivi. F'dan il-kuntest il-Komunikazzjoni tirreferi għall-problemi tal-proġett SIS II u għar-responsabbiltajiet ġejjiena tal-Aġenzija tal-IT.

35. Il-KEPD jixtieq jieħu din l-opportunità biex jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tar-"responsabbiltà" li għandu jkun implimentat ukoll fil-qasam tal-koperazzjoni ġuridika u mill-pulizija u li għandu rwol importanti fit-tnissil ta' politika ġdida u iktar żviluppata tal-UE dwar l-iskambju ta' dejta u dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni. Bħalissa l-prinċipju qiegħed jiġi diskuss fil-kuntest tal-ġejjieni tal-qafas Ewropew għall-protezzjoni tad-dejta, bħala għodda li tgħin lill-kontrolluri tad-dejta jnaqqsu r-riskju tan-nonkonformità bl-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi adegwati għall-protezzjoni effikaċi tad-dejta. Ir-responsabbiltà tesiġi li l-kontrolluri jimplimentaw mekkaniżmi li jiżguraw il-konformità u li jipprovdu evidenza – bħal rapporti ta' awditjar – li juru din il-konformità lill-partijiet interessati esterni, inklużi l-awtoritajiet superviżorji. ([19]) Il-KEPD enfasizza wkoll il-ħtieġa li jittieħdu miżuri bħal dawn fl-opinjonijiet tiegħu dwar il-VIS u s-SIS II fl-2005.

### Privatezza bit-tfassil

36. Il-Kummissjoni tirreferi għall-kunċett ta' "privatezza fit-tfassil" f'paġna 25 tal-Komunikazzjoni (taħt Prinċipji "Salvagwardjar tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta") li jiddikjara li "meta tiżviluppa strumenti ġodda li jiddependu fuq l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni, il-Kummissjoni se tfittex li ssegwi l-istrateġija magħrufa bħala 'privatezza bit-tfassil' ".

37. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza għal dan il-kunċett ([20]) li bħalissa huwa żviluppat kemm għas-setturi privati u kemm għas-setturi pubbliċi b'mod ġenerali, u għandu jkollu wkoll rwol importanti fil-qasam tal-pulizija u l-ġustizzja ([21]).

([19]) Ara d-diskors mogħti mill-KEPD fil-Konferenza Ewropea tal-Kummissarji dwar il-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Dejta, Praga, 29 ta' April 2010.

([20]) Dwar il-Privatezza bit-Tfassil, ara l-Opinjoni tat-18 ta' Marzu 2010 dwar il-promozzjoni tal-fiduċja fis-Soċjetà tal-Informazzjoni bit-trawwim tal-protezzjoni u tal-privatezza tad-dejta u l-Opinjoni tat-22 ta' Lulju 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni fuq l-Użu ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fl-Ewropa u l-Proposta ta' appoġġ għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistipula l-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport.

([21]) L-Opinjoni tal-KEPD dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Stokkolma rrakkomandat li għandu jkun hemm obbligu legali għal dawk li jibnu u jużaw is-sistemi ta' informazzjoni biex jiżviluppaw u jużaw sistemi li jkunu konformi mal-prinċipju tal-"privatezza bit-tfassil".

### Valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta

38. Il-KEPD huwa konvint li din il-Komunikazzjoni tipprovdi opportunità tajba biex issir iktar riflessjoni fuq x'suppost nifhmu b'"valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta" (PIA) vera.

39. Il-KEPD jinnota li la l-linji gwida ġenerali deskritti f'din il-Komunikazzjoni u lanqas il-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni ([22]) ma jispeċifikaw dan l-aspett u jiżviluppawh f'rekwiżit politiku.

40. Għalhekk il-KEPD jirrakkomanda li għal strumenti ġejjiena ssir valutazzjoni tal-impatt iktar speċifika u rigoruża dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, jew bħala valutazzjoni separata jew bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet fundamentali ġenerali. Għandhom jiġu żviluppati indikaturi u fatturi speċifiċi li jiżguraw li kull proposta li jkollha impatt fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta tkun suġġetta għal skrutinju bir-reqqa. Il-KEPD jissuġġerixxi wkoll li din il-kwistjoni tkun parti mill-ħidma li għadha għaddejja fuq il-qafas komprensiv għall-protezzjoni tad-dejta.

41. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest jista' jkun ta' fejda li ssir referenza għall-Artikolu 4 tar-rakkomandazzjoni RFID ([23]) fejn il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri biex, b'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati relevanti tas-soċjetà ċivili, jiżguraw illi l-industrija tiżviluppa qafas għall-valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Anke r-Riżoluzzjoni ta' Madrid, li ġiet adottata f'Novembru 2009 mill-Konferenza Internazzjonali tal-Kummissarji għall-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Dejta, kienet irrakomandat b'ħeġġa li l-implimentazzjoni tal-PIAs issir qabel l-implimentazzjoni ta' sistemi u teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni għall-ipproċessar ta' dejta personali jew qabel ma jsiru modifiki sostanzjali fl-ipproċessar eżistenti.

### Id-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta

42. Il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni ma tittrattax speċifikament il-kwistjoni importanti tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta li huma element vitali tal-protezzjoni tad-dejta. Huwa essenzjali li jkun żgurat li fis-sistemi u fl-istrumenti differenti kollha li jittrattaw l-iskambju tal-informazzjoni, iċ-ċittadini jkollhom l-istess drittijiet fir-rigward ta' kif id-dejta personali tagħhom tiġi pproċessata. Ħafna mis-sistemi li ssir referenza għalihom fil-Komunikazzjoni saħansitra jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta, għad illi bejn is-sistemi u l-istrumenti hemm ħafna varjazzjoni li mhix iġġustifikata.

([22]) SEK(2009) 92, 15.1.2009.

([23]) C(2009) 3200 finali, 12.5.2009.

43. Għalhekk il-KEPD jistieden lill-Kummissjoni tistħarreġ b'iktar reqqa l-kwistjoni tal-allinjament tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta fl-UE fil-futur qrib.

## L-użu tal-bijometriċi

44. Minkejja li l-Kummissjoni tirreferi għall-użu tal-bijometriċi ([24]), hija ma tittrattax b'mod speċifiku l-fenomenu attwali tal-użu dejjem jiżdied ta' dejta tal-bijometriċi fil-qasam tal-iskambju tal-informazzjoni fl-UE, inkluż fis-sistemi tal-informatika ta' skala kbira fl-UE u f'għodod oħrajn tal-ġestjoni konfinali. Il-Komunikazzjoni lanqas ma tipprovdi xi direzzjoni konkreta dwar kif il-Kummissjoni biħsiebha tittratta din il-kwistjoni fil-ġejjieni u dwar jekk hijiex qiegħda taħdem fuq politika komprensiva fir-rigward ta' din it-tendenza dejjem tikber. Dan huwa ta' dispjaċir meta wieħed iqis kemm din il-kwistjoni hija tabilħaqq importanti u sensittiva mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta.

45. F'dan l-isfond, il-KEPD jixtieq ifakkar li hu, f'ħafna okkażjonijiet, f'diversi fora u f'opinjonijiet differenti ([25]), enfasizza r-riskji possibbli marbuta mal-impatti maġġuri li l-użu tal-bijometriċi jista' jkollu fuq id-drittijiet tal-individwi. F'dawn l-okkażjonijiet huwa kien issuġġerixxa wkoll li jiddaħħlu salvagwardji strinġenti fuq l-użu tal-bijometrika f'ċerti strumenti u sistemi partikolari. Il-KEPD kien ġibed l-attenzjoni wkoll dwar problema relatata mal-ineżattezzi inerenti fil-ġbir u fit-tqabbil tad-dejta bijometrika.

46. Minħabba dawn ir-raġunijiet, il-KEPD jieħu din l-opportunità biex jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa politika ċara u stretta rigward l-użu tal-bijometriċi fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, li tkun ibbażata fuq evalwazzjoni serja u valutazzjoni każ b'każ tal-ħtieġa tal-użu tal-bijometriċi, b'rispett sħiħ lejn il-prinċipji fundamentali tal-protezzjoni tad-dejta bħall-proporzjonalità, in-neċessità u l-limitazzjoni tal-iskop.

## L-operabilità tas-sistema

47. F'okkażjoni preċedenti ([26]), il-KEPD qajjem għadd ta' punti ta' tħassib rigward il-kunċett tal-interoperabilità. Waħda mill-konsegwenzi tal-interoperabilità tas-sistemi hija l-ħolqien ta' inċentiv biex ikunu proposti għanijiet ġodda għal sistemi tal-informatika fuq skala kbira li jmorru lil hinn mill-għan oriġinali u/jew għall-użu tal-bijometriċi bħala ċ-ċavetta ewlenija f'dan il-qasam. Jenħtieġu salvagwardji u kundizzjonijiet speċifiċi għal tipi differenti ta' interoperabilità. Il-KEPD enfasizza wkoll f'dan il-kuntest li l-interoperabilità tas-sistemi għandha tkun implimentata b'rispett mistħoqq għall-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta u b'mod partikolari għall-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop.

48. F'dan l-isfond, il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni ma tirreferix speċifikament għall-kwistjoni tal-interoperabilità tas-sistemi. Għalhekk il-KEPD jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa politika dwar dan l-aspett essenzjali tal-iskambju tal-informazzjoni fl-UE, u jitlob ukoll li din għandha tkun parti mill-eżerċizzju tal-valutazzjoni.

*Proposti leġiżlattivi li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni*

49. Il-Komunikazzjoni tinkludi kapitolu dwar il-proposti leġiżlattivi li għandhom jitressqu mill-Kummissjoni fil-ġejjieni. Fost oħrajn, id-dokument jirreferi għal proposta dwar il-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP) u proposta marbuta ma' Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES). Il-KEPD jixtieq jagħmel xi rimarki dwar iż-żewġ proposti msemmija hawn fuq, li fuqhom, kif issuġġeriet il-Kummissjoni, diġà ttieħdet deċiżjoni.

## Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati

50. Kif enfasizzat f'punt 3 ta' din l-Opinjoni, il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tippreżenta "deskrizzjoni ġenerali sħiħa ta' miżuri fil-livell tal-UE (…) li jirregolaw il-ġbir, iż-żamma u l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni personali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi jew tal-ġestjoni tal-migrazzjoni".

51. F'dak il-kuntest il-KEPD jistaqsi x'se jkun l-għan finali tal-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati u kif din il-proposta, li bħalissa qiegħda tiġi studjata mill-Kummissjoni, se tkun koperta mill-għanijiet tal-infurzar tal-liġi u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. F'paġna 20 il-Komunikazzjoni tgħid li "dan il-programm ikun jippermetti lil ċerti gruppi ta' vjaġġaturi frekwenti minn pajjiżi terzi li jidħlu fl-UE (…) permezz ta' kontrolli tal-fruntiera ssimplifikati b'bibien awtomatizzati." Għalhekk jidher li l-għan tal-istrumenti huwa li jiffaċilita l-ivvjaġġar għal dawk li jivvjaġġaw spiss. Għaldaqstant dawn l-istrumenti m'għandhom l-ebda rabta (diretta jew ċara) mal-għanijiet tal-infurzar tal-liġi jew tal-ġestjoni tal-migrazzjoni.

## Sistema ta' Dħul/Ħruġ fl-UE

52. Meta tirreferi għal Sistema ġejjiena ta' Dħul/Ħruġ fl-UE, il-Komunikazzjoni (paġna 20) tgħid li l-problema ta' persuni li jaqbżu t-tul tal-perjodu intitolati għalih (overstayers), u tkompli tgħid li din il-kategorija ta' nies kienet tikkostitwixxi "l-akbar grupp ta' migranti irregolari fl-UE". L-argument tal-aħħar huwa ppreżentat bħala r-raġuni għaliex il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproponi l-introduzzjoni ta' sistema ta' dħul/ħruġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fl-UE biex joqogħdu fiha għal mhux iktar minn tliet xhur.

53. Barra dan, il-Komunikazzjoni tgħid li "din is-sistema tirreġistra l-ħin u l-post ta' dħul u t-tul taż-żjara awtorizzata u tittrażmetti allerti awtomatizzati lill-awtoritajiet kompetenti

---

([24]) Eż. fil-kuntest tal-limitazzjoni tal-iskop u d-dupplikar potenzjali tal-funzjoni (paġna 22) u fil-kuntest tal-ġestjoni effettiva tal-identità (paġna 23).

([25]) Ara pereżempju: l-Opinjoni dwar il-Programm ta' Stokkolma (nota ta' qiegħ il-paġna 7), l-Opinjoni dwar tliet proposti li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (nota ta' qiegħ il-paġna 9) jew il-Kummenti tal-10 ta' Marzu 2006 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2005 dwar effettività aħjar, interoperabilità u sinerġiji mtejba fost id-databases Ewropej fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern (nota ta' qiegħ il-paġna 22).

([26]) Il-Kummenti tal-KEPD tal-10 ta' Marzu 2006 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2005 dwar effettività aħjar, interoperabilità u sinerġiji mtejba fost id-databases Ewropej fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern.

li jidentifikaw individwi bħala 'dawk li jaqbżu t-tul tal-perjodu intitolati għalih'. Fuq bażi ta' verifika ta' dejta bijometrika, din tkun tuża l-istess sistema ta' tqabbil bijometriku u tagħmir operattiv bħal dak li jintuża mis-SIS II u l-VIS."

54. Il-KEPD iqis li huwa essenzjali li jkun speċifikat il-grupp fil-mira ta' persuni li jaqbżu l-perjodu ta' tul intitolati għalih (overstayers) b'referenza għal definizzjoni legali eżistenti jew b'sostenn bi kwalunkwe ċifri u statistiċi affidabbli. Dan huwa iktar importanti meta nqisu li l-kalkoli kollha dwar l-għadd ta' "overstayers" fl-UE bħalissa huma bbażati biss fuq stimi. Għandu jiġi ċċarat ukoll x'miżuri se jittieħdu mal-"overstayers" wara li jkunu ġew identifikati mis-sistema, meta l-UE s'issa għad m'għandhiex politika ċara u komprensiva dwar persuni li jaqbżu l-perjodu intititolati għalih fuq it-territorju tagħha.

55. Iżjed minn hekk, il-kliem tat-test tal-Komunikazzjoni jissuġġerixxi li l-Kummissjoni diġà ħadet id-deċiżjoni li tintroduċi din is-sistema, filwaqt li fl-istess ħin, il-Komunikazzjoni tgħid ukoll li l-Kummissjoni bħalissa qiegħda tagħmel valutazzjoni tal-impatt. Il-KEPD jenfasizza li d-deċiżjoni li tiddaħħal sistema daqshekk kumplessa u li tinvadi daqstant il-privatezza tal-individwu għandha tittieħed biss abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt speċifika li tipprovdi evidenza u informazzjoni konkreta dwar għaliex sistema bħal hija meħtieġa u għaliex ma kienx possibbli li jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet alternattivi li jkunu bbażati fuq sistemi eżistenti.

56. Fl-aħħar nett, jidher li l-Kummissjoni qiegħda torbot din is-sistema ġejjiena mas-sistema tat-tqabbil bijometriku u ma' apparat operattiv tas-SIS II u tal-VIS. Madankollu dan isir mingħajr l-ebda referenza għall-fatt li s'issa la s-SIS II u lanqas il-VIS għadhom ma daħlu fis-seħħ u li f'dan l-istadju d-dati eżatti ta' meta se jibdew jaħdmu għadhom mhumiex magħrufa. Fi kliem ieħor, is-sistema ta' dħul/ħruġ tiddependi ħafna minn sistemi bjometriċi u operattivi li għadhom ma bdewx jithaddmu, u kaġun ta' dan, ma kienx possibbli illi ssir valutazzjoni adegwata tar-rendiment u tal-funzjonalitajiet tagħhom.

*Inizjattivi li għandhom jiġu studjati mill-Kummissjoni*

57. Fil-kuntest tal-inizjattivi li għandhom jiġu studjati mill-Kummissjoni – u għalhekk li fuqhom il-Kummissjoni għadha ma ħaditx deċiżjoni finali – il-Komunikazzjoni, abbażi tat-talbiet magħmula fil-Programm ta' Stokkolma, tirreferi għal 3 inizjattivi: sistema tal-UE tar-rintraċċar tal-finanzjament tat-terroristi (ekwivalenti għall-TFTP tal-Istati Uniti), Sistema Elettronika ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ESTA) u Sistema ta' Indiċi Ewropea tar-Rekords tal-Pulizija (EPRIS).

58. Il-KEPD se jsegwi mill-qrib l-iżviluppi kollha marbuta ma' dawn l-inizjattivi u bi ħsiebu jagħmel kummenti u suġġerimenti meta jkun xieraq.

## III. **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

59. Il-KEPD jappoġġa bis-sħiħ il-Komunikazzjoni li tagħti ħarsa ġenerali sħiħa lejn is-sistemi tal-iskambju tal-informazzjoni tal-UE li qegħdin fis-seħħ u lejn dawk ippjanati għall-ġejjieni. F'għadd ta' opinjonijiet u kummenti, il-KEPD appoġġa l-ħtieġa li ssir valutazzjoni tal-istrumenti kollha eżistenti għall-iskambju tal-informazzjoni qabel ma jkunu proposti oħrajn ġodda.

60. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon ukoll ir-referenza li tagħmel il-Komunikazzjoni għall-ħidma li għadha għaddejja dwar il-qafas komprensiv għall-protezzjoni tad-dejta fuq il-bażi tal-Artikolu 16 tat-TFUE, li għandha titqies ukoll fil-kuntest tal-ħidma fuq il-ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-informazzjoni fl-UE.

61. Il-KEPD iqis li din il-Komunikazzjoni hija l-ewwel pass fil-proċess tal-valutazzjoni. Din għandha tkun segwita b'valutazzjoni vera li għandha tipproduċi politika komprensiva, integrata u strutturata tajjeb tal-UE dwar l-iskambju u l-ġestjoni tal-informazzjoni. F'dak il-kuntest, il-KEPD huwa kuntent li jista' josserva r-rabta illi saret ma' eżerċizzji oħra mnedija mill-Kummissjoni bħala reazzjoni għall-Programm ta' Stokkolma, b'mod partikolari l-eżerċizzju tal-"immappjar tal-informazzjoni" mmexxi mill-Kummissjoni b'koperazzjoni mill-qrib mat-Tim tal-Proġett ta' Mmappjar tal-Informazzjoni.

62. Il-KEPD jissuġġerixxi li fil-ħidma ġejjiena tiegħu dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni jiġu rrapportati u meqjusa wkoll in-nuqqasijiet u d-dgħjufijiet tas-sistema, bħal pereżempju l-għadd ta' persuni li ġew arrestati bi żball jew li ġarrbu xi inkonvenzja minħabba *hit* falza fis-sistema.

63. Il-limitazzjoni tal-iskop għandha titiqies kunsiderazzjoni ewlenija għall-istrumenti kollha li jittrattaw l-iskambju tal-informazzjoni fl-UE, u jistgħu jiġu proposti strumenti ġodda biss jekk il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop ikun tqies u rrispettat kif xieraq matul l-elaborazzjoni. Dan jibqa' japplika wkoll tul l-implimentazzjoni kollha.

64. Il-KEPD jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tiżgura, billi tiżviluppa miżuri u mekkaniżmi konkreti, li l-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità jiġu rispettati u implimentati fil-prattika fil-proposti ġodda kollha li jkollhom impatt fuq id-drittijiet tal-individwi. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni, jenħtieġ issir ukoll valutazzjoni tas-sistemi li diġà jeżistu.

65. Il-KEPD huwa wkoll konvint li din il-Komunikazzjoni tipprovdi opportunità eċċellenti biex ikun speċifikat aħjar x'inhu mfisser eżatt b'"valutazzjoni tal-impatt fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta" u biex titnieda diskussjoni f'dan ir-rigward.

66. Huwa jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiżviluppa politika iktar koerenti u konsistenti fuq il-prerekwiżiti tal-użu tal-bijometriċi, politika fuq l-operabilità tas-sistemi u żieda fl-allinjament fil-livell tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta.

67. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon ukoll ir-referenza li saret għall-kunċett tal-"privatezza bit-tfassil" li qiegħed jiġi żviluppat bħalissa kemm għas-setturi privati u kemm għas-setturi pubbliċi b'mod ġenerali, u li allura għandu rwol importanti fil-qasam tal-pulizija u l-ġustizzja.

68. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-KEPD jiġbed l-attenzjoni dwar ir-rimarki u t-tħassib rigward il-kapitlu intitolat "Proposti leġiżlattivi li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni" dwar is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2010.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*